MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2008

Numru. 694/2006

Il- Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)

-vs-

Omissis
Martin Micallef

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l- imsemmi Martin Micallef, ta’ 36 sena iben Joseph u Emanuela nee Parnis imwieled Pieta fit-2 ta’ April 1970, u residenti 58 Triq Melita Sliema detentur ta’ karta ta’ identita b’numru 165170M.

Akkuzat:

1. Talli fis- 27 ta’ Mejju 2006 fi Triq Santu Wistin, Paceville, San Giljan u/jew fil- Pjazza Qalb ta’ Gesu’, San Giljan, ghall- habta ta’ bejn l- 4.30a.m. u s- 6.30a.m.

ikkaguna feriti gravi fuq il- persuna ta’ Wagdi Ben Hamed u ta’ Nasr Edin Jeray kif certifikat mit- Tabiba Federica Sant, M.E.;

2. Talli fl- istess data, hin lok u cirkostanzi, hedded bil-kliem lil istess persuni msemmija hawn fuq;

3. Talli fl- istess data, hin lok u cirkostanzi, volontarjament kiser l- bon ordni jew il- kwiet pubbliku.

4. Talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta’ reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-verbal ta’l-udjenza mizmuma fit-30 ta’ Mejju 2007 meta l-parte civile ddikjaraw li l-feriti sofferti minnhom kienu ta’ natura hafifa.

Rat ir-rinunzja tal-parte civile ghall-azzjoni kriminali.

Rat l-atti kollha processwali.

Rat l-artikoli 216, 217, 221, 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputazzjonijiet principali kontra l-imputat huma li
1. ikkawza feriti gravi fuq il-persuna ta’ Wagdi Ben Hamed u ta’ Nsar Edin Jeray;
2. hedded bi kliem lill-imsemmija persuni; u
3. kiser l-buon ordni u l-paci pubbliku.

Illi huwa akkuzat ukoll li bhala ufficjal pubbliku sar hati ta’ reat li kellu d-dover li jissorvelja li ma jsirx.

Illi waqt l-udjenza mizmuma fit-30 ta’ Mejju 2007 gie dikjarat mill-parte civile li l-feriti sofferti minnhom kienu ta’ natura hafifa. Konsegwentement il-proceduri in kwantu jirrigwardu din l-imputazzjoni jirrikjedu l-kwerela tal-parte leza; din giet iritrata waqt l-udjenza tat-30 ta’ Mejju 2007. Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda din l-imputazzjoni l-procediment huwa esawriet.

Illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma ta’ natura kontravenzjonali preskrivibbli bid-dekors ta’ tlett xhur. L-incident mertu tal-kawza sehh fis-27 ta’ Mejju 2006. Mill-atti jirrizulta li l-imputat gie notifikat gie notifikat l-ewwel darba b’dawn il-proceduri fis-3 ta’ Settembru 2006. Konsegwentement dawn l-imputazzjonijiet huma preskritti.

Illi biex tissusisti r-raba imputazzjoni jehtieg sejbin ta’ htija ta’ xi reat iehor. Peress illi l-imputat mhux qed jinstab hati ta’ l-imputazzjonijet l-ohra lilu adebieti huwa ma jistax jinstab hati ta’ din ir-raba imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 216, 217, 221, 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-waqt li tiddikjara l-procediment esawriet fir-rigward ta’l-ewwel imputazzjoni, tiddikjara t-tieni u t-tielet imputazzjoni preskritti u konsegwentement tillibera lill-imputat minnhom, u ma ssibux hati tar-raba imputazzjoni u tilliberah minnha ukoll.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------